Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Numru. 165/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(David Saliba)**

**vs**

***Omissis 1***
***Omissis 2***
***Omissis 3***
**George Gatt**
***Omissis 4***

Kumpilazzjoni Nru: 165/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

*Omissis 1*

*Omissis 2*
*Omissis 3*

George Gatt ta' 69 sena, bin Salvatore u Maria nee' Vassallo, imwieled Naxxar nhar it-2 ta' Mejju, 1941 u residenti 'Villa Solidago' Triq l-Isperanza, Mosta, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 322841(M).

*Omissis 4*

Akkuzati:

1. *Omissis 1* u *Omissis 2* fil-kapacita taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Rite-Mix (Gatt Bros) Limited, *Omissis 3* u George Gatt fil-kapacita taghhom ta' managers fl-istess kumpanija u li ghandhom responsabbilita' ta' day to day management, flimkien ma' *Omissis 4* fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Mays Corporation Limited u/jew fil-kapacita tieghu personali bhala project supervisor fl-istadju tal-kostruzzjoni talli fis-7 ta' Frar, 2006 ghal habta tal-1:00pm f' sit ta' kostruzzjoni sitwata f' Auto Sales Limited, Mosta Road, Lija, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi Grezzju Abela u dan ai termini ta'l-artikoli 225 u 226 (1) tal-Kodici Kriminali, kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. *Omissis 1*, *Omissis 2*, *Omissis 3* u George Gatt wahedhom talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikoli 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. *Omissis 1*, *Omissis 2*, *Omissis 3* u George Gatt wahedhom talli fl-istess zminijiet naqsu bhala persuni li jhaddmu li jizguraw s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f' kull zmien u f' kull aspett li ghandu x' jaqsam max-xoghol u jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv,

organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqsu wkoll li jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdu nformazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta’ artikoli 4(1) u (2) ta’ l-A.L. 36/03.

4. *Omissis 4* wahdu, talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita’ tieghu ta’ ‘project supervisor’ naqas li jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema, persuni mpjegati ghal rashom u jsegwu l-pjan tas-sahha u sigurta’. Naqas li jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inkluzi l-kuntratturi successivu fuq l-istess sit, koordinazzjoni ta’ attivitajiet taghhom bl-iskop li jigu protetti l-haddiema u li jigu evitati ncidenti u periklu li ghas-sahha fuq il-post tax-xoghol u nformazzjoni reciproka, hekk li jigi zgurat li persuni li jahdmu ghal rashom jiddahlu f’ dan il-process tax-xoghol ikunu qeghdin jigu mplimentati b’ mod korrett u dan ai termini ta’ l-artikoli 5(a)(b)(e) ta’ A.L. 281/2004.

Rat l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma llum 14 ta’ Mejju 2010 meta l-ufficjal prosekutur irtira l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputati *Omissis 1*, *Omissis 2*, *Omissis 3* u *Omissis 4* u rtira ukoll l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat George Gatt.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat George Galea ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat George Gatt ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet ghalhekk l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom; l-prosekuzzjoni irtirat ukoll it-tieni imputazzjoni fil-konfront biss ta'l-imputati *Omissis 1*, *Omissis 2* u *Omissis 3* ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' dawn l-imsemmija imputati.

Illi l-imputat George Gatt ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li wasslu ghall-incident in kwistjoni, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta' l-imputat George Gatt li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet, kif ukoll it-tieni imputazzjoni sa kemm din tirrigwarda l-imputati *Omissis 1*, *Omissis 2* u *Omissis 3* stante li dawn l-imputazzjonijiet gew irtirati mill-prosekuzzjoni, wara li rat l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat George Gatt hati tat-tieni imputazzjoni u taghha tikkundannah multa ta' erbgha telef Euro (€4,000).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------